# IL-PAPAT TAS-16 SEKLU

## PAPA GIRGOR XIII

Ugo Boncompagni twieled f'Bolonja f'Jannar 1502 . Studja l-ligi f'belt twelidu fejn ha d-dottorat fis-sena 1503 u ghallem mis-sena 1531 sal-1539. Ordna sacerdot ta' 40 sena.



Wara li halla l-katedra, dahal jaghmel parti mis-servizz tal-kardinal Parisio gewwa Ruma.



Pawlu III ghamlu senatur tal-Campidoglio, ha sehem fil-xoghol konciljari tal-koncilju ta' Trentu bhala espert tad-dritt kanoniku. Ghal raguni mhux

maghruf Gulju III warrbu izda taht Pawlu IV rega' sab postu bhala diplomatiku u gurista.

Huwa kien nominat isqof ta' Vieste fl-istess sena fejn dam imexxi d-djocesi ghal sentejn f'mumenti difficli: il-belt kienet ghadha ma gietx fuq saqajha wara s-sakeggi tal-biza' minn Dragut. Huwa pprovda lill-Katidral b'tizjin ta' pregju, fosthom kwadri, vasuni u lbies. Bhala Papa ma nesa qatt lil Vieste. Huwa pingiha fil-mappep impittra fis-swali tal-Vatikan u kkonceda lil artal fil-Kappella ta' San Mikiel gewwa l-Katidral il-privilegg li wiehed seta' jakkwista l-indulgenzi plenarja applikabbli ghal erwieh tal-purgatorju bis-smigh ta' quddiesa celebrata minn sacerdot lokali. Kien il-Papa Piju IV li fis-sena 1656 hatru kardinal. Fil-harifa ta' l-istess sena kien mibghut ghand ir-re ta' Spanja ghall-process kontra l-arcisqof ta' Toledo, Carranza, imma il-mewt ta' Piju IV, gaghlitu jerga' lura Ruma. F'konklavi li ma ha xejn fit-tul huwa gie elett papa fl-14 ta' Mejju 1572 u ghazel li jissejjah Girgor XIII.

Huwa mexxa l-knisja b'kuxjenza safja. Huwa qatt ma pprattika n-nepotizmu hlief meta hatar lil ibnu Giacomo, li kellu meta kien lajk, bhala Kaptan tat-truppi pontifici. In-nies ta' madwaru kienu Gizwiti, Kappucini, u Teatini. Ghenuh hafna San

Carlo Borromeo u San Filippu Neri. Kien fi zmienu li giet editjata l-edizzjoni tal-Martirologju Rumana fis-sena 1583.

Il-quccata tal-papat tieghu kien meta ddikjara il-Gublew ta' l-10 ta'Mejju 1574, l-ewwel sena mqaddsa wara l-gheluq tal-koncilju ta' Trentu, sena ta' tama li matulha l-protestanti jergghu lura fi hdan il-knisja kattolika. Kellha wkoll tkun sena fejn il-bniedem kien jehtieg li jdur lejn Alla. Infatti l-Papa sejjah gewwa Ruma predikaturi u konfessuri ta' fama u minn kull nazzjon. Waqt li fid-24 ta' Dicembru kien qed jiftah il-Bieb Imqaddes, il-martell li bih habbat inkiser u wegga' idejh. Ghal din l-okazzjoni l-Papa pprojbixxa l-karnival u kull loghob iehor u widdeb li kienu jkunu kastigati dawk li jabbuzaw mill-prezzijiet mitluba lill-pellegrini. Il-Papa minn naha tieghu kien izur hafi ta' spiss l-erba basilici. L-erba karateristici li Girgor XIII sahaq fuqhom tul din is-sena kienu t-talb, il-predikazzjoni, il-penitenza u l-karita'.

Ghal dan iz-zmien il-Papa ried li tkun introdotta l-hrug ta' midalja kommemorattiva. Dik is-sena marru Ruma madwar 350, 000 persuna sahansitra pellegrini li waslu mill-Arabja, Etiopja u l-Armenja.

Il-fratellanzi kienu xi haga gdida ghall-Gublew tas-sena 1575 u taw spinta 'l quddiem lir-religiosita' popolari. Huma kienu jimxi processjonalment mat-toroq ta' Ruma jkantaw u akkumpanjati minn muzicisti bi strumenti muzikali varji. Il-Papa minn naha tieghu ta koncessjoni lil dawk li ma setghux jinvistaw il-basilici rumani, u f'dan il-kaz kellu f'mohhu l-kattolici inglizi, li jirrecitaw hmistax il-posta ruzarju minflok li jaghmlu hmistax il-vizta fil-knejjes rumani kif kien mahsub ghall-barranin. Kien zmien li bil-flus migbura ikunu mehlusa l-iskjavi nsara taht il-musulmani. Fis-sena 1573 giet definita il-festa solenni tal-Vergni tar-Ruzarju, billi ffissaha ghal-jum tas-7 ta' Ottubru.

Saru wkoll tentattivi biex issir l-ghaqda mal-Knisja Russa. Girgor baghat lil gizwita Antonio Possevini ghand it-Tsar Ivan IV biex ikun medjatur ta' paci izda l-weghdiet tal-mexxej russu ma kienux sincieri. Tentattivi simili saru mal-knisja griega izda fallew ghaliex il-griegi kienu ghajjura ghal indipendenza taghhom u d-distakk minn Ruma. Irrifjutaw sahansitra l-kalendarju gregorjan.

Giovanni III ta' l-Isvezja, lahaq re ta' pajjiz protestant imma zzewweg lill-kattolika Katerina Jagellona tal-Polonja. Dan ghal skopijiet politici fetah kollokju ma' Girgor XIII, li baghat xi gizwiti gewwa Stokkolma . Giet introdotta liturgija simili ghal

dik kattolika u l-istess re ghaddha ghal kattolicezimu bil-mohbi f'Mejju 1578. Huwa kompla jzid it-talbiet tieghu billi xtaq li s-sacerdoti jizzewwgu, it-tqarbin biz-zewg speci u l-lingwa tal-post f'xi partijiet tal-quddiesa. Dawn it-talbiet tieghu kienu respinti u z-zelu religjuz tieghu gheb ghal kollox.

Girgor XIII iddedika lilu niffsu ghall-bini artistiku u ghal arti. Waqqaf gewwa Ruma l-Akkademja Muzikali Santa Cecilja u beda' x-xoghol fuq il-palazz tal-Quirinale.

Kien fiz-zmien dan il-Gublew tas-sena 1575 li huwa ta ordni biex sala mill-appartamenti privati tieghu tkun impittra mappa dedikata ghall-belt twelidu u t-territorju taghha. U tawha l-isem ta' Sala Bolonja.

Fi zmien il-pontifikat tieghu nbnew gewwa Ruma l-Knisja ta' Gesu', ta' Vallicella, u ta' Sant'Andrea della Valle, filwaqt li l-pjazzez ta' Ruma ssebbhu b'funtani u fit-trufijiet tal-belt inbnew villel u parki. Triq Merulana li tghaqqad lil San Giovanni Laterano ma' Santa Marija Maggiore kienet svillupata wkoll fi zmienu.

Imma l-aktar li hu sinonimu isem dan il-papa hu l-kalendarju gregorjan.

Girgor XIII miet fl-10 ta' April 1585, meta kellu 84 sena.